# GĦAR DALAM

*Lil Prof. Dun P. P. Saydon*
*b'qalbi kollha*

Għar Dalam għandu għanja,
Bla tarf il-ħlewwa tagħha,
Min jersak l-hemm fis-skiet tal-lieli ħiemda
Kulħadd jista' jismagħha.

Tgħid l-għanja ta' Għar Dalam:
Ja żgħażagħ ta' dil-Gżira,
Jien naf bidu din l-art u n-nisel tagħkom,
M'intomx nisel art fqira.

Mhux dejjem kienet ċkejkna
Din l-art mnejn ħaddtu l-ħajja,
Naħilfu jien li ġewwa qalbi għandi
Midfuna l-eqdem ġrajja.

Jien rajt iġbla tal-għaġeb
Li l-għajn tithenna bihom,
U l-eħrex bhejjem tal-ħolqien bil-qtajja
Jirgħu henjin ġo fihom.

Jien rajt twapet ta' ħdura
Fuq dina l-art mixħuta,
Siġar bla għadd, u fost is-siġar kollha
Issaltan il-balluta.

'Ma darba l-baħar kiefer
Imsaħħar bil-ġmiel tagħha
Ħalef fid-dlam li għandu jisraq qalbha
U jgħix għal dejjem magħha.

Għalhekk bil-qawwa kollha
Li għandu ġewwa drieghu
Bil-lejl firidha mit-tgħanniq ta' sħabha
U l-hawn ħarrabha miegħu.



Imb'għad hu ħabbha bosta
U hija wkoll ħabbitu;
Tilfet wisa' bla tarf, tilfet kull għana
Ma l-ġmiel katt ma tilfitu

Din hija l-ġrajja t'artkom
Fil-karti qatt mifruxa
Ħaffru dil-qalb, ħaffru lil qalbi sewwa
Hawn ġew tinsab minquxa.

Hekk l-għanja ta' Għar Dalam,
Bla tarf il-ħlewwa tagħha
Niġru l-hemmhekk, niġru l-hemmhekk, ja żgħażagħ
Kulħadd jista' jismagħha.

Ġorġ Pisani

# KOTBA LI WASLULNA

Galea Alf. M. – Ħajja ta' Kristu l-Iben t'Alla meħuda mill-ktieb ta' Dun Custanz Fouard 300 pp Stamp. Seleziani 1933.

Muscat Sac. G. – Xewk u ward jew Ġabra ta' Bozzetti 64pp Empire Press 1933.

*Annali tal-Propaganda tal-Fidi* No. 78

Cauchi Mons. P.—Visti ta' Sant'Alfonso M. de Liguori 64 p Empire Press 1933.